

# Produzzjoni tal-Ġbejniet

Ġieli xi ħadd qallek "Qisek ġbejna moxxa"? Taf għax ikun qallek hekk? Għaliex tkun qed tieħu l-affarijiet ħafna bil-kalma. Li tkun kalm x'għandu x'jaqsam mal-Ġbejna. Barra li l-ġbejna tkun ratba però nużaw dik il-metafora għaliex trid ċerta kalma u żmien biex ikollok il-ġbejna tajba.

Tajjeb li ninnutaw li biex wieħed ikollu xi ħaġa tajba u sabiħa trid iż-żmien... għax "iż-żmien isajru l-bajtar"!

Dan il-proċess kif isiru l-ġbejniet imur lura għal ħafna u ħafna żmien u huwa wieħed twil għaliex tingħata importanza anke lill-iġene waqt il-proċess! Tradizzjonalment dawn kienu jsiru mill-ħalib tan-nagħaġ, illum insibu ġbejniet mill-ħalib tal-baqra u anke tal-mogħża.

Wara li tinħaleb il-bhima, dan il-ħalib jiġi ttrasportat fil-post fejn ikun ser isir il-proċess tal-ġbejniet. Il-proċess huwa wieħed delikat u partikolari wkoll. Il-ħalib jgħaddi minn proċess bl-użu tat-tames u jsir baqta. Wara li jsir baqta imbgħad jitqassam fil-qwieleb. Kontenituri tal-qasab (fl-antik) illum tal-plastik sakemm tixxotta l-ġbejna. Il-ġbejna tista' tittiekel friska, moxxa , jew imnixxfa.

# Aghti l-kulur




kultura